# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 43**

**Rikors numru 145/21/1 FDP**

**Giovanna Pace**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

1. Ir-rikorrenti appellat mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-20 ta' Frar 2023, li ddeċidiet li l-kawża kriminali li fiha kienet akkużata r-rikorrent damet għaddejja għal żmien mhux raġonevoli, u dan bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"]. Għalhekk ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti kumpens non-pekunarju ta' elf ewro (€1,000).

2. Permezz tal-appell ir-rikorrenti qiegħda tippretendi kumpens iktar għoli.

**Preliminari.**

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *"8. Jirriżulta li r-rikorrenti tressqet b'arrest flimkien ma' oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' April 2004, akkużata b'assoċjazzjoni u traffikar ta' droga fil-jum tal-20 ta' April u tul l-erba' xhur ta' qabel.*
>
> *9. Jirriżulta li l-kumpilazzjoni ingħalqet fit-12 ta' Mejju 2004.*
>
> *10. Jirriżulta li r-rikorrenti talbet li ssir referenza Kostituzzjonali, liema referenza kienet tirrigwarda l-validita` Kostituzzjonali u Konvenzjonali tad-diskrezzjoni fdata f'idejn l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 101 kif viġenti f'dak iż-żmien.*
>
> *11. Din il-Qorti diversament ippreseduta ikkonkludiet li r-rikorrenti kienet sofriet u x'aktarx kienet ser issofri leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni permezz ta' sentenza mogħtija nhar it-28 ta' Marzu 2014, l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza.*
>
> *12. Madanakollu, fil-mori tal-appell, ossija fil-31 ta' Ottubru 2014, l-Avukat Ġenerali ħareġ kontro-ordni fil-każ kriminali tar-rikorrenti u bagħat sabiex dan jiġi determinat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali. Minħabba f'hekk, ma kienx għad hemm interess fil-proċedura Kostituzzjonali, u dik il-proċedura Kostituzzjonali ġiet konkluża fit-3 ta' Novembru 2014.*
>
> *13. Jirriżulta li fit-13 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti u l-bqija tal-imputati taw il-kunsens tagħhom sabiex il-każ tagħhom jigi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*
>
> *14. Jirriżulta li r-rikorrenti kompliet issostni l-innoċenza tagħha, u eventwalment fl-1 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali sabet lil Marco Pace ħati tal-*

*imputazzjonijiet dedotti kontrih filwaqt li r-rikorrenti ġiet misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet relatati mal-imġieba tagħha mal-Pulizija iżda mhux tal-imputazzjonijiet l-oħra. Għalhekk, ġiet ikkundannata tnax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn, filwaqt li kkundannat lit-tnejn iħallsu l-ispejjeż tal-każ, apparti li ġew ikkonfiskati flus maqbuda u ġiet ordnata wkoll id-distruzzjoni tad-droga".*

4. Fir-rikors li ppreżentat fl-10 ta' Marzu 2021 u li bih fetħet il-kawża, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex:

*"1. TIDDIKJARA illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali surreferiti, leda d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tagħha, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*2. TAKKORDA rimedju effettiv u tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat".*

5. Permezz ta' risposta preżentata fit-22 ta' April 2021 l-Avukat tal-Istat argumenta li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Dwar ir-rimedju mitlub wieġeb illi:

*"Illi f`kull każ u bla ħsara għal-fatt li l-proċeduri odjerni mhumiex ta` culpa akwiljana jew kawża għad-danni, jekk kien hemm dewmien irraġjonevoli, ir-rikorrenti trid tipprova li l-allegati danni li allegatament ġarrbet kienu konsegwenza diretta tal-allegat dewmien fil-proċeduri kriminali.*

*Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irraġjonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta` kumpens bħala danni morali u mhux ta' danni materjali".*

6. Sa fejn rilevanti għal dan l-appell, il-kumpens ta' €1,000, l-Ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"**Rimedju***

*49. Ikkunsidrat, li f'dan il-każ, ir-rikorrenti qed titlob li tiġi riżarċita għad-danni materjali u rimedji xierqa u effettivi għall-allegat leżjoni tad-drittijiet tagħha.*

*50. Ir-rikorrenti issottomettiet fis-sottomsissjonijiet, u irreferiet għal numru ta' kawżi deċiżi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, liema kawżi kienu jikkonċernaw kumplessita` kif ukoll volum kbir ta' evidenza fosthom **Mitev vs Bulgaria** deċiża fit-22 ta' Diċembru 2004 u **Sari vs Turkey & Denmark** deċiża fit-8 ta' Novembru 2001. Ir-rikorrenti kompliet tissottometti, li kif referut f'kawżi deċiżi mill-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem, il-kumplessita` weħedha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies raġonevoli. F'dan il-kuntest, ġew ċitati il-kawżi **Ferrantelli u Santangelo vs Italy** deċiża fis-7 ta' Awissu 1996. In sostenn għall-fatt, li ir-rikorrenti ma ilmentatx tul il-kors tal-proċedura Kriminali, irreferiet fis-sottomsissjonijiet għall-każ **Vajic vs Turkey** deċiż mill-QEDB fl-20 ta' Ġunju 2006, fejn ġie stabbilit li l-imputat huwa prekluż milli jilmenta fuq tul mhux raġonevoli li matulu kien maħrub mill-ġurisdizzjoni, sakemm ma ikunx hemm raġunijiet leġittimi jew f'każ ta' force majeur.*

*51. Minn naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat sostna li jekk jinstab li hemm ksur ta' drittijiet fundamentali, dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet umani hija suffiċjenti. F'dan ir-rigward, L-Avukat tal-Istat irrefera għall-każ **Avukat Cedric Mifsud noe vs Aġenzija Identita' Malta et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ġunju 2022, fejn minkejja trapass ta' sitt snin, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza appellata fejn kien ingħata kumpens ta' € 4,000 u ddikjarat li d-dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet kien rimedju biżżejjed.*

*52. F'dan il-kuntest, wieħed ta' min isemmi l-każ **Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2009 fejn ingħad:*

> *"Kif inhu impost fir-rikors promotur, dan kjarament qed jitlob rimedju għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni – u kawża Kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali m'għandhiex tiġi ikkonfertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-Artikolu 6, ir-rimedju għandu ikun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li ikunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement minn natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża".*

*53. Jiġi osservat, li f'kawża rigwardanti dewmien irraġonevoli, kemm-il darba ġie ritenut mill-Qrati Tagħna, li sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali hi rimedju suffiċjenti (Ara **John Bugeja vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awissu 2003).*

*54. Jiġi osservat wkoll illi, fil-każ odjern, il-konsulenti legali tar-rikorrenti għażlu li jindirizzaw l-ilment tagħhom lejn l-Avukat tal-Istat, u dan, kif ġia sottomess mill-Avukat tal-Istat korrettement, fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tal-Gvern responsabbli għall-aġir tal-Qrati. Ebda azzjoni ma ttieħdet kontra l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija, li mill-assjem tal-provi, ħareġ ċar li kienu l-kawża prinċipali ta' dewmien.*

*55. Għalkemm kull każ għandu l-fattispecje tiegħu, il-każ in eżami, għandu jirrifletti ċ-ċirkustanzi partikolari tiegħu. Iżda, l-Qorti tosserva li fost is-sentenzi li ngħataw dawn l-aħħar snin fir-rigward ta' dewmien meqjus mhux raġonevoli hemm:*

- ***George Frendo vs Avukat Ġenerali et** (108/16) deċiż minn din il-Qorti stess fit-8 ta' Novembru 2017, fejn gie likwidat kumpens morali ta' € 2,000 għal proċeduri li damu għaddejjin 15 il-sena.*

- ***Dr. Tancred Busuttil vs Avukat Ġenerali** (10/2008) deċiż fit-2 ta' Lulju 2013, fejn il-Qorti llikwidat kumpens morali is-somma ta' € 2,500 fir-rigward ta' proċeduri li damu madwar 24 sena.*

- ***Joseph Manuel Galea u Joseph Attard vs Avukat Ġenerali** (88/13) deċiż fil-15 ta' Mejju 2015 fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 2,500 kull wieħed fir-rigward ta' proċeduri li kienu għadhom pendenti wara 10 snin u f'dan il-perjodu ftit li xejn kien sar minn naħa tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-każ.*

- ***Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali (25/10)** deċiż fit-28 ta' Frar 2014 fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 3,000 għal kawża li damet għaddejja erbgħin sena wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kienu passivi għal snin sħaħ dwar dan id-dilungar tal-proċeduri mingħajr ma ħadu azzjoni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom.*

*56. In vista tal-kunsiderazzjonijiet fil-mertu magħmula aktar 'il fuq, u meħudin iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ in eżami, il-Qorti sejra takkorda lir-rikorrenti kumpens xieraq. Tenut kont tal-fatt, li s-sentenza li ngħatat ir-rikorrenti hija konsistenti biss fi tnax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn, u li t-tort huwa imputabbli prinċiplament lejn in-nuqqasijiet tal-Avukat Ġenerali, li ma huwiex parti mill-kawża odjerna, din il-Qorti qed takkorda is-somma ta' elf Ewro (€ 1,000) bħala kumpens morali u rimedju effettiv għall-ilment Kostituzzjonali tagħha".*

7. Ir-rikorrenti appellat b'rikors ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2023 fejn issostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat meta ġiet biex tillikwida d-danni dovuti lilha. Tgħid li l-ammont akkordat, fis-somma ta'

€1,000, mhuwiex ġust u ekwu meta wieħed jikkonsidra t-trapass ta' żmien fil-proċeduri kriminali kontriha. *In linea* mal-ġurisprudenza, tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tillikwida kumpens iktar għoli.

8. Għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi:

> *"filwaqt li **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-talbiet tal-appellanta u ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati minn l-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu, **tħassar u tirrevoka** f'dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-kumpens ta' elf ewro (€1,000) pagabbli mill-intimat lill-appellanta, u minflok **tillikwida** somma għola, li hija iktar ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat appellat".*

9. Permezz ta' risposta ppreżentata fit-22 ta' Marzu 2023 l-Avukat tal-Istat wieġeb li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, l-aggravju tar-rikorrenti jrid jitqies fil-kuntest tal-fatt illi, għalkemm kien hemm ċertu dewmien, inqalgħu numru ta' kwistjonijiet li tawlu l-proċeduri u r-rikorrenti stess ikkontribwixxiet notevolment għad-dewmien li qed tilmenta minnu. Jgħid ukoll li r-rikorrenti ma ressqet ebda prova dwar it-tbatija morali allegatament arrekkata lilha.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Ir-rikorrenti tibda billi targumenta illi r-raġunijiet għalfejn l-ewwel Qorti tatha biss €1,000 kienu:

(i) għaliex hija ħarrket biss lill-Avukat tal-Istat, u mhux ukoll l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, li nstabu prinċipalment responsabbli għad-dewmien; u

(ii) għaliex ingħatat biss sentenza sospiża.

11. Fir-rigward tal-ewwel raġuni l-appellanti tgħid li l-Qorti tal-ewwel grad ma kellhiex għalfejn tkun daqshekk riġida, filwaqt illi dwar it-tieni raġuni ssostni li aktar u aktar allura ma kienx hemm għalfejn dawk is-snin kollha sabiex jinqata' l-każ.

12. L-Ewwel Qorti rraġunat illi:

- matul il-proċedura tar-rinviji, partikolarment bejn it-3 ta' Frar 2006 u d-19 ta' Jannar 2007 (f'liema perjodu saru tmien rinviji għall-provi ulterjuri, fejn fi tliet okkażjonijiet il-Pulizija ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw), u bejn is-16 ta' Frar 2007 u l-21 ta' Lulju 2009 (f'liema perjodu saru tmintax-il rinviju sabiex il-Pulizija teżebixxi ċertifikat mediku in konnessjoni ma' ġrieħi kkawżati fuq membru tagħha, il-WPS 45 rigward ferita kkawżata b'gidma), kien hemm tul ta' żmien;

- l-att ta' akkuża nħareġ fis-16 ta' Ġunju 2011, seba' snin wara li nbdew il-proċeduri kriminali (ir-rikorrenti kienet tressqet b'arrest flimkien ma' oħrajn fit-22 ta' April 2004); u

- fil-31 ta' Ottubru 2014, tliet snin wara li nħareġ l-att ta' akkuża, l-Avukat Ġenerali ħareġ kontro-ordni sabiex ir-rikorrent jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minflok mill-Qorti Kriminali. Matul dawk it-tliet snin '*ma sar xejn*'.[1]

13. It-tort ta' dan ġie unikament attribwit lill-Qorti, lill-Avukat Ġenerali u lill-Pulizija (para 41, 43 u 54 tas-sentenza appellata). Fir-rigward tal-imġieba tar-rikorrenti l-Qorti tal-ewwel grad qalet:

> *"42. L-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet, sostna li wara, li l-ko-imputati taw il-kunsens tagħhom, li l-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali damu ħames snin iressqu d-difiżi tagħhom. Dan ċertament, ma jitfax dawl ta' dilungar u dewmien da parti tar-rikorrenti, għaliex fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jiġi meqjus li kien hemm dilungar f'dan il-perjodu ta' ġbir ta' provi, kif qed*

[1] Li effettivament ġara f'dak it-trapass ta' żmien kien is-segwenti: Wara li fis-16 ta' Ġunju 2011 inħareġ l-Att tal-Akkuża fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta v. Giovanna Pace, Mark Pace u Christopher Mazzitelli***" bin-numru 13/2011, il-Qorti Kriminali ordnat is-smigħ tal-kawża għall-10 ta' Ottubru 2011. Madankollu, fuq talba tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti ddiferiet il-kawża għas-17 ta' Ottubru 2011. Wara li l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imputati kienu preżentati skont il-liġi, il-Qorti Kriminali ddeċidiet dwarhom nhar is-6 ta' Jannar 2012. L-Appell mis-sentenza li trattat l-eċċezzjonijiet preliminari ġie deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013. Il-Qorti Kriminali mbagħad appuntat is-smigħ tal-ġuri fil-konfront tal-ko-imputati għas-17 ta' Frar 2014. Fil-frattemp iżda, il-ko-imputata Giovanna Pace talbet lill-Qorti Kriminali sabiex issir referenza kostituzzjonali quddiem il-Qorti Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiddetermina jekk kienx hemm lezjoni ta' drittijiet fundamentali taħt l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni minħabba d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali skont l-Artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' referenza kostituzzjonali numru 93/2013 (deċiża fit-28 ta' Marzu 2014) instab li effettivament kien hemm ksur u b'hekk l-Avukat Ġenerali nforma lill-Qorti Kriminali li kienet se tinħareġ il-kontro-ordni relattiva sabiex il-każ jiġi trattat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bl-atti jmorru lura għand il-Qorti tal-Maġistrati permezz tar-rinviju tal-5 ta' Novembru 2015.

> *jittenta isostni l-intimat, iżda kien leċitu li r-rikorrenti tressaq id-difiżi tagħha".*

14. Fl-aħħar paragrafu tas-sentenza appellata (para 56 *supra cit*) l-Ewwel Qorti qalet li €1,000 hu rimedju effettiv meta tqis li:

(i) Is-sentenza li ngħatat ir-rikorrenti hi ta' '*biss*' tnax-il xahar priġunerija sospiżi għal sentejn; u

(ii) li t-tort għad-dewmien hu imputabbli prinċiplament lejn in-nuqqasijiet tal-Avukat Ġenerali, li mhuwiex parti mill-kawża odjerna.

15. Skont Artikolu 181B tal-Kap. 12 il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja mertu tat-tilwima. Madankollu, meta minħabba n-natura tat-talba azzjoni ma tkunx tista' ssir kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern, l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta l-Gvern.

16. M'hemmx dubju li kif inhi l-liġi s'issa, fl-istadju tal-kumpilazzjoni l-Qorti m'għandhiex l-awtorità biex tiddikjara magħluq l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni. Madankollu dan ma jfissirx li ma tistax tieħu provvedimenti kontra l-prosekuzzjoni fejn tara li qiegħda ttawwal bla bżonn il-proċess tal-kumpilazzjoni. Għalhekk hemm nuqqas tal-Qorti jekk

f'dak l-istadju tal-proċess kriminali ma tieħux provvedimenti kontra l-prosekuzzjoni fejn tara li qiegħda ttawwal bla bżonn l-istadju tal-kumpilazzjoni. Madankollu, jibqa' l-fatt li mill-atti hu evidenti li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tal-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali li wasslu għal dewmien bla bżonn tal-proċeduri kriminali.

17. Ir-rikorrenti tikkontendi wkoll li l-kumpens likwidat huwa baxx wisq għaliex fil-ġurisprudenza hemm prassi, *in linea* mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB], li l-Qorti tillikwida kumpens bejn €1,000 u €1,500 għal kull sena li ttieħdet biex ingħalqu l-proċeduri. F'dan il-kuntest tirreferi għas-sentenzi fl-ismijiet:

- **Victor u Ersilia konjuġi Buttigieg v. l-Avukat Ġenerali**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju 2017, li *a sua volta* kkwotat is-sentenza tal-QEDB fil-każ ta' **Pizzati v. Italy** (ECHR 62361/00), deċiża fl-10 ta' Novembru 2004;

- **Angelo Zahra v. Avukat Ġenerali** tas-26 ta' Jannar 2022;

- **Francis Said et v. L-Avukat Ġenerali** deċiża fit-3 ta' Frar 2009;

u

- **Christopher Mazzitelli v. Avukat Ġenerali et** (Rik. Nru. 111/2019TA), mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2021, li kkonfermat kumpens ta' €10,000 favur ko-akkużat magħha.

18. Mazzitelli kien ko-akkużat mar-rikorrenti fil-kawża kriminali fuq imsemmija. Mazzitelli wkoll allega ksur ta' drittijiet fundamentali tiegħu minħabba dewmien irraġonevoli. B'sentenza tat-2 ta' Marzu, 2021 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla tatu raġun u kkundannat lill-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat iħallsuh is-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) bl-imgħax ta' 5% mill-1 ta' Jannar, 2010. Data li fiha l-Ewwel Qorti ddikjarat li raġonevolment kellha tiġi deċiża l-kawża kriminali. Mazzitelli appella mis-sentenza filwaqt li sar appell inċidentali mill-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat. Is-sentenza ngħatat fit-30 ta' Ġunju, 2021 u din il-Qorti bidlet is-sentenza appellata biss fir-rigward tal-imgħax fuq il-kumpens non-pekunarju, u ddikjarat li l-istess hu dovut mid-data tas-sentenza appellata.

19. Fis-sentenza ta' <u>Mazzitelli</u> din il-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-kumpens non-pekunarju:

> *"10. Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenzi li ngħataw mill-QEDB dwar kawżi Kriminali u l-kumpens li ordnat li jitħallas:*
>
> *i.* ***Bevs v. Ukraine*** *(7307/05) tat-18 ta' Settembru, 2009. Il-perjodu rilevanti hu mill-31 ta' Mejju, 2002 u kienu għadhom ma spiċċawx. Kumpens non-pekunjarju ta' €2,000;*
>
> *ii.* ***Galea and Pavia v. Malta*** *(77209/16; 77225/16) tal-11 ta' Frar, 2020. Il-perjodu rilevanti kien ta' sittax-il sena. Kumpens non-pekunjaru ta' €17,000 lil kull applikant, b'żieda mal-€5,000 li ngħata kull applikant mill-Qorti Kostituzzjonali;*
>
> *iii.* ***Kishazi and Others v. Hungary*** *(28814/19; 32428/19; 63432/19) tat-22 ta' Ottubru, 2020. Perjodu rilevanti fil-każ ta' Kishazi kien mill-15 ta' Ottubru, 2008 sad-29 ta' Novembru, 2018. Kumpens ta' €6,500 u li skont is-sentenza jkopri ".... pecuniary and non-pecuniary damage and costs and expenses per applicant";*

*iv. **Delic v. Bosnia and Herzegovina** (59181/18) tat-2 ta' Marzu, 2021. Perjodu rilevanti kien mit-23 ta' Ottubru, 2012 sas-27 ta' Jannar, 2020. Kumpens non-pekunjarju ta' €1,800;*

*v. **Lewandowski v. Poland** (29848/17) tat-18 ta' Marzu, 2021. Il-perjodu rilevanti kien mill-25 ta' Mejju, 2008 sal-11 ta' Ottubru, 2016. Kumpens non-pekunjarju ta' €2,600;*

*vi. **Slawinski v. Poland** (61039/16) tal-15 ta' April, 2021. Il-perjodu rilevanti hu mis-26 ta' Frar, 2002 sas-17 ta' Marzu, 2016. Kumpens non pekunjarju ta' €10,000 wara li Qorti Reġjonali kienet ordnat kumpens ta' €475 għad-dewmien żejjed;*

*vii. **Pastukhov & Molokovshkylek v. Ukraine** (24072/20 u 24111/20) tad-29 ta' April, 2021. Il-perjodu rilevanti kien ta' iktar minn tnax-il sena. Kumpens ta' €4,200 lil kull applikant u li skont is-sentenza jkopri ".... pecuniary and non-pecuniary damage and costs and expenses per applicant";*

*11. Il-Qorti hi tal-fehma li meta tqis dawk is-sentenzi b'mod ġenerali, il-kumpens ta' €10,000 mhuwiex baxx. Ovvjament f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti tgawdi minn element mhux żgħir ta' diskrezzjoni u ma nġabux argumenti li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti żbaljat".*

20. Għalkemm Mazzitelli kien oriġinarjament tressaq flimkien mar-rikorrenti fuq l-istess akkużi u / jew akkużi relatati, fit-3 ta' Gunju 2016 kien hemm is-separazzjoni tal-ġudizzju. Fil-fatt il-kawża kontra Mazzitelli nqatgħet b'sentenza tal-25 ta' Jannar, 2019 li sabitu ħati biss fir-rigward tal-akkuża (e) (pussess sempliċi ta' mhux aktar minn 3.5 tad-droga cannabis) u reċidiva. Il-Qorti kkundannatu għall-penali biss ta' mitt ewro (€100). Ċirkostanzi differenti minn dawk tar-rikorrenti li weħlet piena karċerarja ta' sena, iżda sospiża għal sentejn. Ir-rikorrenti nstabet ħatja tal-akkużi mmarkati bħala (l), (m), (n), (o), li jinkludu feriti fuq uffiċjal tal-pulizija, m'obdietx ordnijiet tal-pulizija, inġurjat u attakkat uffiċjali tal-

pulizija. Il-fatt li r-rikorrenti ngħatat sentenza sospiża ma jnaqqasx mill-gravità tar-reat.

21. Il-każ ta' Angelo Zahra kien dwar kawża kriminali li damet dsatax (19)-il sena u fl-aħħar l-akkużat kien liberat mill-akkużi. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla[2] tat lir-rikorrent kumpens ta' €19,000 talli l-kawża kriminali ma nqatgħetx fi żmien raġonevoli. Għalkemm l-Avukat Ġenerali appella, irrinunzja għall-appell.

22. Il-każ tal-lum lanqas m'għandu x'jaqsam mal-każ ta' Francis Said li ngħata kumpens ta' €6,000 għal dewmien eċċessiv f'kawża ċivili li damet tletin (30) sena.

23. Kwantu għall-każ ta' Victor u Ersilia Buttigieg il-Qorti Ċivili, Prim'Awla tathom kumpens ta' €9,000 minħabba li kawża dwar appalt damet 21 sena pendenti. Ammont li waslet għalih billi applikat għaċ-ċirkostanzi tal-każ id-direzzjoni mogħtija f'sentenza mogħtija mill-*First Section* tal-QEDB fl-10 ta' Novembru 2004 fil-każ ta' **Pizzati v. Italy***.* Kumpens li tnaqqas għal €7,000 minn din il-Qorti (sentenza tas-26 ta' Jannar 2018).

24. Apparti l-fatt li ċ-ċirkostanzi fil-każ ta' Buttigieg mhumiex simili għal dak in eżami, f'dak il-każ il-Qorti Ċivili ma semmietx il-fatt li s-sentenza ta'

[2] Deċiża fis-26 ta' Jannar 2022

Pizzati ma kinitx finali. Fil-fatt b'sentenza tad-29 ta' Marzu 2006 il-Grand Chamber tal-QEDB qalet:

> *"... it shares the Slovak Government's view that it would be impossible and impracticable to try to provide a list of detailed explanations covering every eventuality and considers that all the necessary elements can be found in its previous decisions available in the Court's case-law database".*

u naqqset il-kumpens non-pekunarju għal €12,800.

25. Wara li l-Qorti kkonsidrat li l-każ ta' Mazzitelli mhuwiex identiku għal dak in eżami u li l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija ma ġewx imħarrka meta hu altru milli evidenti li l-parti kbira ta' dewmien kien tort tagħhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni sakemm inħareġ l-att tal-akkuża, hi tal-fehma li s-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala kumpens non-pekunarju hi suffiċjenti. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra li d-difiża altru milli ħadet iż-żmien li kellha bżonn biex tressaq il-provi tagħha. Ċirkostanza li tagħti lill-Qorti x'tifhem li ma kinitx mgħaġġla biex il-każ jingħalaq u tingħata sentenza.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontriha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm